MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 648/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Jean Blaise Tadoum**

**Illum 21 ta' Gunju, 2012**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Jean Blaise Tadoum** ta' 41 sena, bin Fowe Vistor u Catherine nee' Signe, imwileda Cameroon nhar is-27 t'Ottubru, 1971 u bla residenza fissa Malta, detentur ta' Passaport mahrug mill-Cameroon bin-numru 01217696 fid-19 ta' Frar 2008, u nakkuzah;

Talli nhar id-19 ta' Gunju, 2012 u l-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, assocja ruhhu ma xi persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt (frodi ai terminu tal-artikolu 308 u 309) li ghalih hemm il- piena ta' pruginerija u li ma hux delitt that l-Att dwar l-istampa u dan ai terminu ta' l-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-akkuzat;

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat;

Rat l-Artikoli tal-Ligi ossia artikoli 308 u 309 kif ukoll 48(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Il-Qorti invista ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, issib lill-istess imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) shur mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba' (4) snin mill-lum skond l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tad-dokumenti mmarkati bhala JF4, JF5, JF6, JF7 u JF8 ipprezentati seduta stante mill-Ispettur Jonathan Ferris;

Il-Qorti tordna wkoll li l-passaport ta' l-imputat jigi rritornat lill-Prosekuzzjoni sabiex jinghaddu lill-Immigration Office bil-ghan li l-imputat jigi deportat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------